**Kif għadda ż-żmien!**

Jum wara jum, u l-ħajja tgħidx kemm lebtet
Jigri għadda ż-żmien,  ma seħħlu jwaqqfu ħadd,
Addijo l-kmandi flimkien mal-keded
Intemmejt fix-xejn o ras, bla ma warradt!

Kif rajtek nieżel u nieżla fil-qabar,
Demgħa għalik xerridt x'ħin rajtek fis-sett,
Kemm drabi ridt niftaħlek għajnejk, ftakar
Ta' iblah ixxammart wahda mill-kbar nett.

Insibha bi tqila biex għalik nitlob
Meta niftakar minn xiex int ghaddejtni,
Gagħltni nemmen li bħalek ma issib imkien:

Mal-għajta tal-Imsallab jien bdejt nirtgħod
Maħfra għalik tlabtu, li tant kiddejtni,
Striħajt int, nistrieħ jien, kif għadda ż-żmien!

Patri Mario Attard OFM Cap
11 ta’ Novembru 2021

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.